# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 30/2015/VG**

**Albert ZAMMIT [ID. Nru. 95946G] u**
**Mary Jane MUSCAT [ID. Nru. 253472M]**

**vs**

**Crystal Finance Investments Limited u**
**Carmel ATTARD**

**It-Tribunal,**

Ra' **t-talba mressqa mir-rikorrenti fl-14 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbu l-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' elf mija tlieta u tmenin euro u sebgha u tletin centezmi ta' euro [€1,183.37c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "1. Illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront tal-atturi ghas-somma ta' elf, seba' mija, sitta u disghin u hamsa u disghin centezmi Dollari Awstraljani (AUD1796.95) ekwivalenti ghal elf, mija u tlieta u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€1183.37) rapprezentanti danni sofferti minnhom, kawza ta' agir antiprofessjonali minn naha tal-impjegat tal-kumpanija konvenuta gewwa Ghawdex meta l-

konvenut Carmel Attard waqt li kien fdat bil-fiducja tal-atturi, ta' pariri hziena dwar l-investimenti taghhom u heba minnhom taxxi u *charges*.

2. Illi oltre dan l-ammont, il-konvenuti ghandhom ihallsu ukoll l-imghax skond il-ligi.

3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu lil atturi s-somma ta' elf, seba mija u sitta u disghin dollari Awstraljani u hamsa u disghin centezmu (AUD1796.95) ekwivalenti ghal-elf mija u tlieta u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€1183.37) kif fuq dovuti.

Bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2015.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni"

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fit-12 ta' Awwissu, 2015 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari huwa sottomess illi l-intimat Carmel Attard m'huwiex il-legittimu kontradittur in kwantu huwa dejjem agixxa fil-konfront tar-rikorrenti bhala impjegat ta' Crystal Finance Investments Limited u ghalhekk dejjem in rapprezentanza ta' din l-istess kumpanija. Konsegwentement, in kwantu jirrigwarda lill-istess Carmel Attard, dan l-avviz ghandu jigi awtomatikament respint bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt fil-mertu taghhom.

> Illi l-esponenti dejjem agixxew prudentement fil-konfront tar-rikorrenti, u skond ir-regoli u ligi applikabbli. Tant hu hekk li anki l-Awtorita ta' Servizzi Finanzjarji ghalqet ilment maghmul mill-istess rikorrenti dwar l-istess esponenti fuq il-kaz in kwistjoni bhala nfondat.
>
> Konsegwentement, l-esponenti m'huma responsabbli ghall-ebda hlas jew likwidazzjoni ta' danni fil-konfront taghkom. U t-talbiet rikorrenti ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu michuda nfondati fil-mertu taghhom, bl-ispejjez a kariku tar-rikorrenti.
>
> Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
>
> Bl-ispejjez".

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti permezz tat-talba odjerna qieghed jitlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta' elf mija tlieta u tmenin euro u sebgha u tletin centezmi ta' euro [€1,183.37c] rapprezentanti danni sofferti minnhom, kawza ta' agir antiprofessjonali minn naha tal-impjegat tal-kumpanija intimata gewwa Ghawdex meta l-intimat Carmel Attard waqt li kien fdat bil-fiducja tar-rikorrenti, ta' pariri hziena dwar l-investimenti taghhom u heba minnhom taxxi u *charges*. Ir-rikorrenti talbu ukoll lill-intimati sabiex ihallsu ukoll l-imghax skond il-ligi.

2. L-intimat Carmel Attard sahaq li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur in kwantu huwa dejjem agixxa fil-konfront tar-rikorrenti bhala impjegat tas-socjeta intimata Crystal Finance Investments Limited u ghalhekk dejjem in rapprezentanza ta' din l-istess kumpanija. Imbaghad iz-zewg intimati qalu li anke fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Ziedu jghidu li l-esponenti dejjem agixxew prudentement fil-konfront tar-rikorrenti, u skond ir-regoli u ligi applikabbli. Tant hu hekk li anki l-

Awtorita ta' Servizzi Finanzjarji ghalqet ilment maghmul mill-istess rikorrenti dwarhom fuq il-kaz in kwistjoni u ddikjaratu bhala nfondat. Ghalhekk sahqu z-zewg intimati, huma ma humiex responsabbli ghall-ebda hlas jew likwidazzjoni ta' danni fil-konfront tar-rikorrenti, liema talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a kariku tar-rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Ir-rikorrenti beda biex qal li hu u martu kellhom xi flus investiti tramite s-socjeta intimata u wara li martu giet nieqsa, huwa kien iddecieda, fuq parir tas-socjeta intimata sabiex iddawwar l-investiment li kien hemm fuqha ghal fuq it-tifla. Ghar-rigward ta' l-intimat Carmel Attard, huwa qal li dan kien il-manager tas-socjeta intimata gewwa Ghawdex. Ir-rikorrenti ghar-rigward ta' l-investimenti dejjem kien jitkellem ma' l-intimat. Ir-rikorrenti gie nfurmat mill-intimat li d-dollaru Amerikan kien niezel fil-valur u kien wasal iz-zmien li jibdel dan l-investiment li kellu u meta huwa staqsa lill-intimat kemm kienet ser tiswieh sabiex ibiddel dan l-investiment f'munita ohra, skont hu, l-intimat kien qallu "*xejn*" (fol. 35). Ir-rikorrenti jidher li kien perpless b'din it-twegiba ta' l-intimat u staqsieh kif kienet taghmel il-profitti u l-*bonus* il-kumpanija. L-intimat, skont ir-rikorrenti kien qallu li l-kumpanija la taghmel profitti u lanqas *bonus*. Huwa qal ukoll li meta kien sar it-trasferiment min fuq il-mara ghal fuq it-tifla tieghu, r-rikorrenti l-ohra, huwa ma kien hallas xejn spejjez u lanqas ma kien hallas xejn meta gew il-flus Malta minghand il-UBS. Huwa qal li kien ghalhekk li huwa haseb li "*t-taxxi tal-ispejjez inhallas darba, meta nispicca minn mal-Crystal Finance u mmur banda ohra, ma xi bank jew hekk, mhux meta nibdel minn currency ghall-ohra. Hekk hsibt jien*" (fol. 36). Ir-rikorrenti ammetta li hadd ma kien qallu xejn f'dan ir-rigward u lanqas hadd ma kien spjegalu li huwa kellu jhallas xi flus. Wara li kienet saret il-konverzjoni minn dollari amerikani ghal dollari awstraljani huwa skopra li kien hallas AUSD1,568 f'taxxi u AUSD224 fi *switching charges*. Meta skopra b'dawn l-ispejjez huwa kien cempel mal-ewwel lill-intimat izda ma sabux hemmhekk. L-ghada reggha cempel u skont ir-rikorrenti, l-persuna li kellmu reggha qallu li l-intimat kien ghadu ma jiflahx izda li kien kellmu ghar-rigward ta' l-imsemmija spejjes u dan qalli li l-intimat "*nesa jghidli bit-taxxi u l-ispejjez*" (fol. 37). Ir-rikorrenti sahaq illi kieku huwa kien jaf li kien ser ikollu jhallas dawn l-ispejjez, huwa kien ihalli kollox kif kien. Sussegwentement huwa kien cempel lil MFSA fejn wara li spjegalhom dak li kien sehh, huma qalulu biex jibghat ittra lill-intimat u wara li jircievi r-risposta minghandu jkellimhom. Ir-rikorrenti qal

ukoll li huwa hassu offiz li l-intimat kien qallu li ma kienx obbligu tieghu li jghidlu li kien ser ikun hemm l-ispejjez. Qal ukoll li fuq il-karti li kien tah l-intimat sabiex jiffirma kien hemm hafna informazzjoni li ma kienitx korretta u li lilu ma kien staqsieh xejn dwarha u kien qabad u melieha hu stess min rajh. Fil-kontro-ezami, r-rikorrenti qal li huwa haseb li "*mhux x'hin tibdel flusek minn currency ghall-ohra thallas imma meta tohrog mill-Crystal Finance u mtur f'kumpanija ohra, hemm thallas il-flus*" (fol. 172). Ir-rikorrenti sostna ukoll waqt il-kontro-ezami li huwa qieghed jippretendi li ma jhallas xejn ghas-semplici fatt li skont hu, l-intimat, meta huwa kien staqsieh kemm kienet ser tiswa din il-bicca xoghol u cioe tal-konverzjoni minn munita ghall-ohra, kien qallu l-kliem "xejn". Minkejja dan huwa qal li kien jaf li kellha tithallas it-taxxa izda peress li l-intimat kien qallu, dejjem skont hu, "xejn" allura ppretenda li ma jhallas xejn. Qal li huwa hassu tradut mill-intimat meta imbaghad skopra li effettivament kien hallas it-taxxa.

4. Ra l-ittra datata 26 ta' Jannar, 2015 fejn l-intimat kien qal fost affarijiet ohra li "*naccetta li meta issugerejtlek il-Money Market Fund f'dollaru Awstraljan ma gbidtlekx l-attenzjoni dwar it-taxxa ta' dhul ta' 15% li int soggett ghaliha fuq il-qliegh. Dan ma ghamiltux b'malizia jew ingann pero ma ghax m'huwiex obbligu tieghi li ninfurmak. Jien ma naghtix pariri dwar it-taxxa izda dwar l-investiment. Nemmen ukoll li fil-kaz tieghek, it-taxxa li kont soggett ghaliha ma kelliex taghmel parti mid-decizjoni jekk tbieghx jew le, ga la darba ma kontx qed tafda l-munita li fiha kont investit u kellek qliegh sostanzjali li xi mument jew iehor xorta ridt tiehdu billi tbiegh*" (fol. 44). L-intimat kiteb ukoll li "*meta staqsejtni jekk hemmx spejjes taghna biex tohrog mill-fond li kellek, jien ghedtlek li ahna ma nzommux charge biex tbiegh posizzjoni f'fond. Ghaldaqstant inti ma hallast xejn ghal-bejgh tal-fond li kellek u wehilt biss 1% entry charge biex dhalt fil-Money Market Fund*" (fol. 44).

5. L-intimat xehed u qal li huwa investment advisor mas-socjeta intimata fil-fergha taghha ta' Ghawdex. Ghar-rigward tat-taxxa mhallsa mill-intimat huwa qal li din kienet fl-ammont ta' 15% pagabbli lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fuq il-qliegh li r-rikorrenti kienu ghamlu fuq l-investimenti li kellhom. Dan il-hlas inghata lill-Gvern u huma u cioe la hu u lanqas is-socjeta intimata ma dahlu xejn minnhom. L-intimat qal li meta fis-16 ta' Awwissu, 2001 ir-rikorrenti u martu kienu marru ghandu, r-rikorrenti kien staqsieh "*jekk il-Gvern dawn il-flus ikunx jaf bihom*" (fol. 53). L-intimat wiegbu u qallu li "*ma nistax intih parir fuq hekk ghaliex jien m'inhix*

*kwalifikat biex naghti pariri dwar taxxa, pero safejn kont naf jien, jekk ahna naqtghawlu il-15% witholding tax il-ligi ttih il-jedd ghal non-disclosure. Is-Sur Zammit immedjatament qalli li ried li tinqatghalu l-15% witholding tax*" (fol. 53). Huwa qal ukoll li r-rikorrenti kien dawwar dawn l-investimenti li kellu mas-socjeta intimata fuq isem il-mara u binthom u li minkejja dan, huwa xorta wahda baqa jmur jiehu l-pariri minghandu dwar dawn l-investimenti. Kien hemm ukoll xi gbid (withdrawals) minn dawn l-investimenti u kull darba thallset it-taxxa. Apparti dan, fit-*Terms of Business Agreement* iffirmat bejn il-partijiet kien hemm car u tond li s-socjeta intimata kellha d-dritt li tnaqqas it-taxxa pagabbli. Huwa qal ukoll li ma kienx obbligat ifakkar lil kull klijent bl-obbligu taghhom li kienu assumew biex ihallsu t-taxxa.

Ghar-rigward tal-1% spiza fuq l-investiment il-gdid, l-intimat qal li ghal habta ta' nofs is-sena 2014 huwa kien kellem lir-rikorrenti u nfurmah li l-investiment li kellhu seta' jigi affettwat u allura kien jaqbel li huwa jcaqlaq l-investiment li kellhu. Qal li r-rikorrenti kien mexa ma dan il-parir lejn l-ahhar tas-sena 2014. F'dan il-perjodu ta' sitt xhur, l-investiment li kellu r-rikorrenti fil-fatt kien nizel b'5% filwaqt li llum, dan l-invistiment nizel b'9%. Ghalhekk, kompla qal l-intimat, il-parir tieghu kien wiehed siewi ghar-rikorrenti. Huwa qal li meta kien kellmu r-rikorrenti lejn l-ahhar ta' Dicembru, 2014 u kien staqsieh jekk kienx hemm xi *charges* huwa kien wiegbu fin-negattiv u dan peress li "*sa dakinhar konna qeghdin niddiskutu l-hrug mill-investiment biss (UBS high yield bond fund USD) u fl-ebda hin ma tkellimna fuq reinvestment, iktar u iktar ghaliex is-Sur Zammit kien taghni x'nifhem illi hu kien ser jigbed il-flus u johodhom*" (fol. 54).

Xi jumejn wara, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti kien reggha mar ghandu u infurmah li ried jerga jinvesti l-flus. Din id-darba xtaq li jinvestihom f'dollari awstraljani u li l-investiment kellhu jkun jew bla riskju jew inkellha riskju baxxa hafna u ghalhekk huwa offrielu l-*money market fund*. Fuq investimenti, kompla jghid l-intimat, is-socjeta intimata zzomm bejn 1% sa 6% ta' l-investiment u dan ir-rikorrenti kien jafu l-ghaliex kien iffirma d-dokumenti li gew esebiti mill-istess intimat ma' l-affidavit tieghu. Minkejja li s-socjeta intimata setat izzomm bejn 1% sa 6% ta' l-investiment bhala *charge* hija effettivament zammet biss 1%.

L-intimat qal li jidher bic-car li r-rikorrenti qieghed jikkonfondi bejn l-assenza ta' spejjez fuq hrug minn investimenti u spejjez meta wiehed jidhol

f'investiment. Ghalhekk, ir-rikorrenti, qal l-intimat, ma kellhux ragun fit-talbiet tieghu u huwa ma qarraqx bih. Dan gie kkonfermat ukoll mill-MFSA li ghalqet il-kaz minghajr provvedimenti fil-konfront tas-socjeta intimata. In kontro-ezami, l-intimat jammetti li "*jien it-taxxa veru ma ghidtlux li hemm it-taxxa pero la jiena obbligat li nghidlu li hemm it-taxxa u insejt. Li kieku ftakart kont nghidlu, imma dak il-hin insejt nghidlu li hemm it-taxxa*" (fol. 192).

6. Stefan Lia qal li fil-11 ta' Frar, 2015 il-Malta Financial Services Authority kienet irceviet ilment minghand ir-rikorrenti liema ilment inghalaq fit-30 ta' April, 2015. Huwa qal li "*skont ir-regolamenti tal-MFSA, jidher illi l-informazzjoni kollha li kellha tinghata mis-socjeta intimata lir-rikorrenti inghatat*" (fol. 98). Ix-xhud li kien l-ufficjal investigattiv f'dan il-kaz qal, fl-ittra datata 30 ta' April, 2015, u debitament iffirmata minnu, li "*jiddispjacini ninfurmawk li mill-investigazzjonijiet taghna tad-dokumenti provduti kemm minnek kif ukoll minn Crystal, jidher bic-car li kont infurmat dwar it-tariffi applikabbli ghall-prodott tieghek. Barra minn hekk, ghalkemm l-ufficjal ta' Crystal seta forsi indikalek biex tiehu parir fuq taxxa, hemm ukoll car fit-termini u l-kundizzjonijiet li taxxi huma applikabbli specjalment meta jsir qligh fuq il-prodotti bhal fil kaz tieghek*" (fol. 167).

   Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-ewwel eccezzjoni hija dik ghar-rigward ta' jekk l-intimat Carmel Attard huwiex il-legittimu kontradittur. Jidher bic-car li l-intimat kien dejjem qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta intimata u li huwa qatt ma kien involut personalment. Dak kollhu li ghamel ghamlu ghan-nom tas-socjeta intimata. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tieghu hija fondata u konsegwentement it-Tribunal sejjer jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju l-ghaliex gie mharrek hazin.

8. Naraw ukoll li t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq il-fatt li skont huma, s-socjeta intimata kkawzatilhom danni fl-ammont ta' €1,183.37c kawza ta' agir antiprofessjonali minn naha tal-impjegat taghha, taght pariri hziena dwar l-investimenti taghhom u hbiet minnhom taxxi u *charges*. It-Tribunal ma jaqbilx ma dan. Ibda biex, r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien cempel lir-rikorrenti Albert Zammit sabiex jinfurmah li l-investiment li kellhu f'munita Amerikana kien ser jibda jinzel kif effettivament ghamel. Ghalhekk ma jistax jinghad li huwa tah parir hazin f'dan ir-rigward. Rajna li

sakemm gie pprezentat l-affidavit ta' Carmel Attard, l-fond li fih kienu nvestiti l-flejjes tar-rikorrenti nizel b'disgha fil-mija (9%). Jekk xejn allura, l-parir kien wiehed tajjeb.

9. L-istess haga jinghad ghar-rigward tat-taxxa u c-*charges*. It-taxxa tajjeb jew hazin trid tithallas u kif sewwa qal Carmel Attard in kontro-ezami, din xi darba jew ohra riedet tithallas. Ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta' danni. Wara kollox, biex ir-rikorrenti hallsu t-taxxa sinjal li kienu qalghu l-flus. Dan apparti l-fatt li r-rikorrenti kien jaf li riedet tithallas it-taxxa ghax huwa kien iffirma dokument li jghid li din kellha tithallas. Ghar-rigward tac-*charges* ta' wiehed fil-mija (1%), dawn kienu dovuti l-ghaliex ir-rikorrenti reggha investa mas-socjeta intimata u skont id-dokument li kien iffirma huwa huwa suppost li kien jaf li kellhu jhallas dan l-ammont li wara kollox kien ferm inqas min dak li suppost hallas fir-rejalta. Ghalhekk ukoll ma hemmx kwistjoni ta' danni.

10. Illi min dak hawn fuq riportat u mill-atti processwali ma jirrizultax li s-socjeta intimata naqset b'xi mod f'dan il-kaz u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti sejrin jigu michuda.

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lill-intimat Carmel Attard mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata u konsegwentement jichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**